Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Kylie Borg]

vs

Joseph Sammut

Kumpilazzjoni Numru: 294/2022

Illum, 1 ta' Frar, 2024

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra **Joseph Sammut** detentur tal-karta tal-identità 444072(M) akkuzat talli nhar il-31 ta' Dicembru 2021, ghall-habta tas-13.30 ta' wara nofsinhar gewwa l-Marsa,

1. **Issoggetta lil persuna ohra u cioe' lil -Omissis-, minuri, ta' taht il-hmistax-il sena u vulnerabbli, ghal xi att u, jew imgieba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm, mossi u, jew ghemil, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta' kliem miktub, stampi, u, jew xi materjal iehor, fejn dak l-att, kliem, u jew imgieba m'humiex mixtieqa minn -Omissis-, u jkunu jistghu ragonevolment jigu kkunsidrati, bhala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha.**

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuza kif dedotta kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tlieta (3) ta' Gunju, 2022 fejn fiha ta l-kunsens sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Rat illi l-imputat sussegwentement ammetta ghall-akkuza kif dedotta kontrih wara li sema' x-xhieda tal-minuri permezz tal-procedura awdjo-viziva u talab li jithejja *Pre Sentencing Report* minn ufficjal tal-Probation fejn giet nominata Odelsie Vella Bayliss sabiex taqdi dan l-inkarigu. Illi din l-ufficjal tal-Probation qdiet l-

inkarigu taghha u pprezentat rapport fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu 2023 fejn hija kkonkludiet is-segwenti:

**Konkluzjonijiet**

- **Fatturi identifikati**

- **Joseph Sammut qed jigi akkuzat li nhar il-31 ta' Dicembru 2021, gewwa l-Marsa, issoggetta persuna minuri ta' hmistax-il sena, u cioè -Omissis-, ghal xi att jew imgiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm jew mossi jew ic-cirkolazzjoni ta' kliem miktub, stampi jew xi materjal iehor u jistghu jigu kkunsidrati bhala offensivi, umiljanti jew degradanti.**

- **Il-Fedina Penali tal-imsemmi tindika li huwa qatt ma nstab hati ta' reati kriminali fil-passat. Rekords mill-habs jindikaw li huwa qatt ma skonta pieni karcerarji. Rekords jindikaw ukoll li huwa qatt ma kien f'kuntatt mad-Dipartiment tal-Probation u l-Parole. Joseph Sammut jichad li huwa wettaq ir-reat li qed jigi akkuzat bih. Jghid li ammetta sempliciment biex ihaffef il-proceduri tal-qorti u fuq parir tal-avukat. Jirrizulta wkoll li l-imsemmi ghandu kaz pendenti marbut ma' mohqrija tal-annimali.**

- Joseph Sammut trabba gewwa l-Marsa f'familja komposta minn sitt itfal. It-trobbija tieghu giet deskritta bhala wahda pjuttost normali u felici. Ir-relazzjoni bejn il-membri tal-familja tal-origini, sa ftit snin ilu kienet wahda tajba hafna imma jidher li l-affarijiet bdew jinbidlu meta huh iz-zghir dahal f'relazzjoni ma' tfajla li bdiet taqla' hafna dizgwid fil-familja. Rizultat ta' dan, Joseph Sammut iddecieda li jaqta' l-kuntatt minn ma' huh u ommu, minkejja li ghad ghandu rapport tajjeb u sapport minghand hutu l-ohra.

- Fejn tidhol ir-relazzjoni konjugali tal-imsemmi, l-informazzjoni migbura turi li huwa kien mizzewweg lil -Omissis- u flimkien ghandhom erba' ulied. Jirrizulta li Joseph u martu sseparaw madwar erbatax-il sena ilu, izda r-relazzjoni ta' bejniethom ghadha wahda tajba ferm. Minkejja li wara s-separazzjoni l-imsemmi mar jirrisjedi ghal rasu, hu baqa' jilghab irwol attiv fit-trobbija tat-tfal tieghu. Jidher li l-imputat igawdi minn relazzjoni u sapport tajjeb kemm minn uliedu kif ukoll minn ommhom.
- Fejn jidhol impjieg, Joseph Sammut bhalissa jtenni li qieghed jahdem bhala mastrudaxxa ma' kumpanija privata. Dan ix-xoghol izda mhuwiex registrat mal-

JobsPlus u allura ma setax jigi vverifikat mill-Ufficjal tal-Probation.

- Permezz ta' dan ir-rapport gie ndikat li l-uzu tad-droga, xorb jew loghob tal-azzard ma jifformax parti mill-kalendarju ta' hajjet l-imputat. Kuntatt li sar mal-agenziji lokali li jahdmu ma' nies b'xi vizzju partikolari m'ghandhomx rekords ta' kuntatt min-naha tal-imsemmi.

- Fejn tidhol is-sahha mentali jew medika, ma jirrizultax li hemm xi diffikultajiet f'dan il-qasam. Lanqas ma gie ndikat li Joseph Sammut kien jew jinsab f'kuntatt ma' xi terapista jew professjonist f'dawn l-oqsma.

- Ghall-fini ta' dan ir-rapport, l-Ufficjal tal-Probation ghamlet kuntatt mal-vittma in kwistjoni li ddeskriviet dak li allegatament ghaddiet minnu bhala trawma li mhux facli li wiehed jinsa.

- Pjan ta' Kura

Matul dan ir-rapport, l-imputat cahad li wettaq ir-reat li qieghed jigi akkuzat bih u ma juri l-ebda rimors lejn il-vittma. Madanakollu l-Ufficjal tal-Probation trid toqghod mal-fatt li huwa rregistra ammissjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti. L-informazzjoni kkumpilata ghall-fini ta' dan ir-rapport turi li l-imsemmi qed jahrab milli jerfa' r-responsabilità ta' dak li ammetta ghalih u jaghraf fejn zbalja. Dan huwa fattur li jkun tajjeb li jigi ndirizzat b'mod professjonali bil-ghan li jonqos ir-riskju li jitwettaq xi reat simili iehor fil-futur.

- Rakkomandazzjoni

L-Ufficjal tal-Probation tirrakomanda li Joseph Sammut ghandu jinghata Ordni ta' Trattament, bil-ghan li jikseb ghajnuna psikologika biex ikun jista' jindirizza fatturi bhal responsabilita' personali. Ghajnuna psikologika tghin lill-imputat sabiex jindirizza wkoll il-hajja personali tieghu, fosthom ir-relazzjoni konjugali tieghu u xi gibdiet sesswali li jista' jkollu, hekk kif gie zvelat permezz tal-akkuzi u l-ammissjoni odjerni.

<u>IKKUNSIDRAT</u>

Illi semghet il-konferma tal-ammissjoni tal-imputat fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Novembru 2023 wara li regghet wissietu bil-konsegwenzi ta' din id-dikjarazzjoni anke invista tal-fatti elenkati fir-rapport tal-ufficjal tal-Probation inkwantu ta' tali ammissjoni ta' htija;

Rat illi Joseph Sammut huwa akkuzat talli ffastidja sesswalment lil -Omissis- taht id-dispozizzjoni tal-Artikolu 251A(e) u 251H(c)(d), 208AC(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponu s-segwenti:

*"251A. (1) Persuna li:*

*(a) iggib ruhha b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra; jew*

*(b) iggib ruhha b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna; jew*

*(c) tissoggetta lil persuna ohra ghal xi att ta' intimità fizika; jew*

*(d) titlob favuri sesswali minghand persuna ohra; jew*

***<u>(e) tissoggetta lil persuna ohra ghal xi att u, jew imgiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm, mossi u, jew ghemil, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta'</u>***

***kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal iehor, fejn dak l-att, kliem, u jew imgiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistghu ragonevolemnt jigu kkunsidrati bhala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha,***

*Tkun hatja ta' reat taht dan l-artikolu.*

*(4) Persuna misjuba hatja ta' reat taht dan l-artikolu tista' tehel il-piena ta' prigunerija ghal zmien minn sitt xhur sa sentejn jew multa ta' mhux inqas minn hamest elef euro (€5,000) u mhux izjed minn ghaxart elef euro (€10,000), jew dik il-multa u prigunerija flimkien:"*

*"251H. Il-piena ghad-delitti msemmijin fl-artikoli 251 sa 251G, it-tnejn inkluzi, ghandhom jizdiedu bi grad jew zewg gradi f'kull wiehed mill-kazijiet li gejjin:*

*. . .*

*(c) id-delitt twettaq fuq persuna vulnerabbli skont it-tifsira tal-artikolu 208AC (2);*

*(d) id-delitt twettaq fuq jew fil-prezenza ta' minuri; . . . "*

*"208AC 2) Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu persuna vulnerabbli tfisser:*

*(a) kull persuna ta' taht il-hmistax-il sena; . . . "*

Illi tenut kont ta' tali konferma tal-ammissjoni mill-imputat u wara li rat ix-xhieda tal-parte civile li qed tigi dikjarata bhala wahda kredibbli ser issib lill-imputat hati tal-akkuza kif dedotta kontrih izda ma hijiex ser timponi piena ta' prigunerija effettiva stante li n-natura tar-reat addebitat lilu mhux ta' konsegwenza serja hafna, invista tal-ammissjoni bikrija u tal-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 251A(1)(e), 251H(c)(d), 208AC(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Joseph Sammut** hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u tpoggih taht Ordni ta' Probation taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 ghal zmien tliet (3) snin. Il-Qorti qed timponi wkoll fuq l-imputat Ordni ta' Trazzin taht l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta a favur tal-minuri u dan ukoll ghal zmien tliet (3) snin liema Ordni ghandha tifforma parti ntegrali ta' din is-sentenza.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk dawn l-ordnijiet ma jigux obduti.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**